MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 315/2007

**Martin Chetcuti (ID 560645 M)**

**Vs**

**Anthony Borg (ID 76647 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn, seba` mija u sebgha u tlettin ewro (€2,737) gja` elf, mija, disgha u disghin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmi u erbgha centezmi (Lm1,175.04) rapprezentanti zewg kontijiet, liema kopji annessi mat-talba.

Illi l-konvenut naqas li jhallas din is-somma ghalkemm interpellat.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut fejn eccepixxa illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante lil konvenut m'ghandu jaghti xejn.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` xhieda ta' Martin Chetcuti, Joseph Bugeja u Alfred Deguara.

**IKKUNSIDRA**

Din il-kawza titratta dwar hlas ta' xogholijiet mekkanici maghmulin fi tlett veikoli tat-tip '*Leyland truck'* u zewg '*Dodgers'* fuq struzzjoni tal-konvenut. L-attur ikkonferma l-fatturi prezentati minnu fl-ammont tat-talba, liema ammont sa llum ghadu ma thallasx. Spjega kif sa llum dawn it-trakkijiet ghadhom ghandu u li sa llum il-konvenut ma kienx gie ghalihom. Iz-zewg xhieda kkonfermaw li kienu hadmu fuq it-tlett veikoli u li kienu jappartjenu lill-konvenut peress illi kien jigi jissorvelja x-xogholijiet huwa personalment.

Illi mid-dokumenti prezentati fl-atti jidher illi l-konvenut kien ipprezenta risposta fejn cahad it-talba kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, izda t-Tribunal jirrilleva illi la d-difensur tal-konvenut u l-anqas il-konvenut ma kienu prezenti ghas-seduti li nzammu u dan ghalkemm il-konvenut debitament imsejjah skond il-ligi ghas-smiegh tal-kawza u ghal diversi seduti.

Illi sabiex jasal ghal soluzzjoni gusta u ekwa ghall-vertenza tal-kawza, t-Tribunal ha jkollu jistrieh fuq il-provi migjuba quddiemu. Illi quddiemu ghandu biss provi prodotti mill-attrici. Illi huwa car illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu. In konkluzzjoni, wara li ezamina x-

xhieda, sema` d-difensur ta` l-attrici u ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti t-Tribunal ikkonkluda illi l-attur ipprova l-kaz ttieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------